MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-24 ta' Ottubru, 2018

Rikors Maħluf Numru 1217/2015 LM

**Stephanie Pisani (K.I. Numru 381490M)**

***vs.***

**Jason Scicluna (K.I. Numru 80973M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-23 ta' Diċembru, 2015 mill-attriċi **Stephanie Pisani** (K.I. Numru 381490M) (minn issa 'l quddiem "l-attriċi"), u maħluf minnha stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi fit-13 ta' Settembru, 2014 għall-ħabta tal-erbgħa ta' wara nofsinhar (4.30pm), l-attriċi kienet flimkien ma' xi nies oħra ġewwa l-każin tal-Banda San Mikiel, Ħaż-Żabbar;*
2. *Illi fl-imsemmija data u ħin l-attriċi kienet fil-bitħa interna tal-każin tal-Banda San Mikiel filwaqt illi l-konvenut kien fil-gallerija tal-istess każin;*

3. *Illi waqt li l-konvenut kien qiegħed fil-gallerija tal-każin, b'imperizja u negliġenza huwa waqa' għal ġol-bitħa, u ġie fuq l-attriċi. Kawża ta' din il-waqgħa, l-attriċi weġġgħet gravement u kellha tittieħed għall-kura l-isptar. Dan jirriżulta minn rapport tal-pulizija hawn anness u mmarkat bħala Dok. A;*

4. *Illi tort ta' dan l-inċident, l-attriċi sofriet danni emerġenti prinċipalment konsistenti fl-ispejjeż li nkorriet u għadha tinkorri għall-kura tagħha u telf ta' lukru minħabba d-diżabilità permanenti ta' għoxrin fil-mija (20%) u dan kif jirriżulta minn rapport mediku rilaxxjat mill-konsulent Mr. Massimo Abela hawn anness u mmarkat bħala Dok. B;*

5. *Illi l-konvenut ġie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 23 ta' Ottubru, 2015 sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni madanakollu baqa' inadempjenti.*

*Jgħid għalhekk il-konvenut għar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, għalfejn m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-inċident li seħħ fit-13 ta' Settembru, 2014 għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar (4.30pm), ġewwa l-każin tal-Banda San Mikiel, Żabbar, u li kawża tiegħu l-attriċi sofriet ġrieħi gravi fuq il-persuna tagħha, seħħ tort tal-konvenut minħabba negliġenza u imprudenza da parti tiegħu;*

2. *Tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli għad-danni sofferti mill-attriċi;*

3. *Tillikwida l-istess danni kemm ta' natura damnum emergens kif ukoll ta' natura lucrum cessans sofferti mill-attriċi occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

4. *Tikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas tad-danni hekk likwidati.*

*Bl-imgħax mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tat-23 ta' Ottubru, 2015 u bl-ispejjeż ta' din il-kawża inkluż l-ittra uffiċjali hawn imsemmija kontra l-konvenut li sa minn issa jibqa' inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Jason Scicluna** (K.I. Numru 80973 M), (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), u maħlufa minnu stess, li ġiet ippreżentata fis-6 ta' Jannar, 2016, li biha eċċepixxa:

1. *Illi preliminarjament, it-talbiet rikorrenti huma irritwali għaliex m'hemmx talba dikjaratorja dwar l-allegata responsabbilità tal-esponent għall-inċident de quo;*

2. *Illi l-intimat jirrileva illi m'għandu l-ebda responsabbilità għall-inċident li seħħ nhar it-tlettax (13) ta' Settembru, tas-sena elfejn u erbatax (2014) ġewwa l-każin tal-Banda San Mikiel f'Ħaż-Żabbar, u dan kif ser jirriżulta aħjar fil-mori tal-kawża u dan stante illi dan l-inċident ma seħħx minħabba imperizja u negliġenza da parti tiegħu;*

3. *Illi konsegwentement l-intimat ma jistax jiġi ddikjarat ħati għal dan l-inċident;*

4. *Ili għalhekk ma hemm l-ebda danni x'jiġu hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti, a favur tar-rikorrenti, u għalhekk isegwi illi r-rikorrenti intimat ma jistax jiġi kkundannat iħallas kwalunkwe danni li setgħet sofriet ir-rikorrenti attriċi konsegwenza ta' dan l-inċident. Għaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrenti attriċi għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom, u dan bl-ispejjeż kontra tagħha;*

5. *Illi strettament mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimat jirrileva illi kien hemm fatturi oħra li kkontribwew għall-inċident mertu ta' din l-istanza li jeżoneraw u/jew jimminimizzaw ir-responsabbilità tal-esponenti u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża. Illi fil-fatt kien hemm negliġenza kontributorja da parti tar-rikorrenti u għalhekk id-danni subiti kienu tal-portata allegata;*

6. *Illi għalhekk strettament mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimat ma jistax jinstab unikament responsabbli tal-inċident de quo li seħħ nhar it-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) ġewwa l-Każin tal-Banda San Mikiel, Żabbar;*

7. *Illi finalment id-danni pretiżi mir-rikorrenti qed jiġu kkontestati u jridu jiġu ppruvati stante illi jrid jiġi ppruvat illi l-inċident de quo għandu konnessjoni ta' kawża u effett mad-danni sofferti mir-rikorrenti.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-5 ta' Marzu, 2018, fejn id-difensuri tal-partijiet ingħataw l-opportunità li jressqu n-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom, u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Fil-kawża odjerna l-attriċi qiegħda titlob li l-Qorti tiddikjara lill-konvenut responsabbli għad-danni sofferti minnha minħabba inċident li seħħ waqt iċ-ċelebrazzjonijiet fil-festa tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar tal-2014, meta allegatament il-konvenut waqa' minn gallerija li tagħti għall-bitħa ġewwa l-każin tal-Banda San Mikiel, u ġie fuq l-attriċi li kienet qiegħda taħt l-istess gallerija fil-bitħa. L-attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tillikwida d-danni sofferti minnha konsegwenza tad-debilità permanenti li ġarrbet minħabba f'dan l-inċident, kif ukoll qiegħda titlob li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lilha d-danni hekk likwidati.

Il-konvenut min-naħa tiegħu wieġeb li huwa mhux responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża, u li kien hemm element ta' negliġenza kontributorja da parti tal-attriċi li jeżonerah jew jimminimizza r-responsabbiltà tiegħu. Il-konvenut wieġeb ukoll li sabiex hu jitqies li hu responsabbli għall-akkadut, irid ikun hemm konnessjoni ta' kawża u effett mad-danni sofferti mill-attriċi.

**Provi u riżultanzi**

L-attriċi ppreżentat kopja tar-rapport tal-Pulizija[1] rigward x'ġara dakinhar tal-inċident li seħħ fit-13 ta' Settembru, 2014, meta l-konvenut kien waqa' mill-gallerija tal-każin tal-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar u ġie fuq l-attriċi. Ir-rapport lill-Pulizija kien sar mill-attriċi fl-24 ta' Settembru, 2015, aktar minn sena wara li kien seħħ l-inċident. Kawża ta' dan l-inċident l-attriċi sofriet ġrieħi ta' natura gravi. Ir-rapport lill-Pulizija kien dam ma sar għax l-għarus tal-attriċi Stefan Said kien mar l-għassa ta' Ħaż-Żabbar l-għada tal-inċident u ta l-verżjoni tiegħu ta' kif seħħew l-affarijiet wara l-waqgħa tal-konvenut meta kienet inqalgħet ġlieda fl-istess każin u skont ma tniżżel fir-rapport tal-Pulizija, dakinhar Stefan Said kien mingħalih għamel rapport dwar l-inċident mertu ta' din il-kawża mentri fil-fatt kienet ittieħdet il-verżjoni tiegħu dwar il-ġlieda. Skont l-istess rapport tal-Pulizija l-attriċi ma kinitx marret qabel biex tirrapporta l-inċident peress li kienet qed tistenna xi riżultati mill-Isptar.

L-attriċi ppreżentat ukoll kopja tar-rapport mediku redatt mill-kirurgu ortopediku **Mr Massimo Abela**[2], li abbażi ta' dak li qaltlu l-attriċi, ikkonstata li wara l-waqgħa tal-konvenut, l-attriċi ntilfet minn sensiha u meta ġiet lura f'tagħha hija bdiet tilmenta minn uġigħ f'għonqha u minn tnemnim f'idejha. Hi ttieħdet fl-Isptar Saint James f'karozza privata, u minn hemmhekk ġiet ittrasferita lejn l-Isptar Mater Dei permezz ta' ambulanza, fejn mill-ewwel ġiet riferuta għall-kura taħt il-kirurgu ortopediku Mr Joseph Borg. In-natura tal-ġrieħi li l-attriċi kienet qiegħda ssofri minnhom ġew deskritti bħala:

[1] *A fol.* 4 tal-proċess.
[2] *A fol.* 8 tal-proċess.

> *"... unstable fracture subluxation of the C5 verterbra. The cervical spine was immobilised with a Philadelphia collar and she discharged on 15/09/2014. She was readmitted under his care on 06/11/2014 for a 2-stage (anterior and posterior) C4-C6 cervical fusion. She was discharged on 08/11/2014. Ms Pisani is still being followed up at the Orthopaedic Outpatients Clinic, and is currently attending for physiotherapy and acupuncture. She has not as yet resumed work."*

Mr Massimo Abela stabbilixxa wkoll li l-attriċi kienet għadha qiegħda ssofri minn uġigħ fil-parti tal-lemin ta' għonqha u f'idejha, u li l-uġigħ jintensifika meta l-attriċi ddawwar rasha jew iżżomm rasha dritta għal tul ta' ħin. L-attriċi għadha tbati biex tagħmel attivitajiet li jinvolvu t-tidwir tar-ras, bħalma hu s-sewqan. Mill-eżami mediku li għamel fuq l-attriċi, il-konsulent mediku *ex parte* kkonstata illi:

> *"Examination of the neck reveals a 4cm oblique incision lateral to the larynx, on the right side. Range of movement in the cervical spine is reduced by approximately 50% in all directions. A neurological assessment of the upper limbs reveals normal power in all muscle groups, reduced sensation in the right C5 and C6 dermatomes and a reduced biceps reflex on the right."*

In vista ta' dawn ir-riżultanzi li ġew deskritti minn Mr Massimo Abela bħala ta' natura 'gravi', huwa stabbilixxa li konsegwenza tal-inċident inkwistjoni l-attriċi għadha qiegħda ssofri minn debilità permanenti ta' 20%.[3]

L-attriċi għażlet li tixhed bil-mezz tal-*affidavit*[4], fejn qalet li dakinhar tal-inċident, hi kienet qiegħda ġewwa l-każin tal-Banda San Mikiel, f'Ħaż-Żabbar, u li kienet marret hemm minħabba li kien hemm attività konnessa mal-festa

[3] Estratt mill-parti konklussiva tar-rapport mediku ta' Mr. Massimo Abela – *"Ms Stephanie Pisani suffered an injury of a grievous nature following the traumatic incident of 13/09/2014. She sustained an unstable fracture-subluxation of the C5 vertebra. This required a 2 stage (anterior and posterior) surgical stabilisation. She continues to complain of pain associated with marked stiffness in the cervical spine. She also has objective evidence of a C6 radiculopathy secondary to irritation of the right C6 nerve root at the level of the original injury."*

[4] *A fol.* 28 tal-proċess.

fir-raħal. Hi qalet li dak il-ħin kien hemm ħafna nies fil-każin, u li fil-mumenti ta' qabel ġara l-inċident mertu tal-kawża, hija kienet fil-bitħa tal-istess każin. Meta waqa' fuqha l-konvenut, l-attriċi spiċċat mal-art mitlufa minn sensiha, u xħin bdiet tistejqer ġiet infurmata li kien waqa' xi ħadd fuqha. L-attriċi xehdet li fil-ħinijiet ta' wara l-inċident hi ma setgħetx timxi, u kien għalhekk li l-għarus tagħha refagħha u ħadha fl-Isptar Saint James ta' Ħaż-Żabbar, fejn wara li sarulha xi testijiet, intbagħtet l-Isptar Mater Dei. Hi kompliet tgħid li fl-Isptar Mater Dei sarulha aktar testijiet, u ġie stabbilit li hi kienet sofriet minn ksur f'għonqha, u li kien ser ikollha tagħmel xi ġimgħat tuża kullar. Wara xi żmien ġiet infurmata wkoll li kien ser ikollha bżonn tagħmel operazzjoni minħabba li l-ksur li kellha ma kienx għaqad kif suppost. Għal xi żmien wara l-operazzjoni l-attriċi kellha wkoll bżonn tagħmel sessjonijiet ta' fiżjoterapija, kif ukoll għamlet numru ta' ġimgħat tieħu pilloli għall-uġigħ. Hi xehdet li kawża ta' dan l-inċident u l-ġrieħi li sofriet, hi għadha ssofri minn diżabilità permanenti ta' 20%.

L-attriċi xehdet li hi kienet taħdem bħala *cleaner* mal-kumpannija Clentec Limited, u li kienet ilha tagħmel dan ix-xogħol għal madwar ħames snin. Hi kompliet tgħid kif fil-ġimgħat ta' wara li kellha dan l-inċident, hi kienet infurmat lill-kumpannija li kienet impjegata magħha li kien ser ikollha tagħmel xi żmien barra mill-impjieg, u kienet tagħmel ċertifikati mediċi fuq bażi regolari sabiex tippreżentahom lill-kumpannija li kienet impjegata magħha, u lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Hi qalet li bħala parti mill-kura li kellha bżonn wara dan l-inċident, kienet tattendi b'mod regolari għal sessjonijiet ta' fiżjoterapija ġewwa l-Isptar San Luqa, u li l-fiżjoterapista li kienet taraha kienet tħeġġiġha tibdel l-impjieg li kellha. L-attriċi qalet li wara li beda għaddej iż-żmien, hi ma kinitx qiegħda tagħmel progress f'saħħitha, u kien f'dan il-punt li

ddeċidiet li tinforma lill-kumpannija li kienet impjegata magħha li ma kinitx ser tirritorna lura għax-xogħol minħabba li l-istat ta' saħħitha ma kienx jippermetti dan. L-attriċi xehdet ukoll li hi tkun muġugħa ħafna u li minħabba f'dan l-inċident, ma tistax toqgħod bilwieqfa jew issuq għal tul ta' ħin. Qalet ukoll li minkejja li ppruvat issib impjieg ieħor, u fil-fatt sabet impjieg bħala kaxxiera f'ħanut, wara ftit kellha tieqaf minħabba l-uġigħ kontinwu li kienet għaddejja minnu. Qalet ukoll li minkejja li għadha tfittex xogħol, sa issa għadha ma rnexxilhiex issib impjieg alternattiv għal dak li tilfet.

L-attriċi esebiet numru ta' irċevuti ta' ħlas lill-Isptar Saint James u għax-xiri ta' prodotti minn spiżerija[5], kif ukoll FS3 forms[6] u ittra li tindika li f'Awwissu 2015 hi kienet iddeċidiet li tirriżenja mill-impjieg li kellha mal-kumpannija Clentec Limited.[7]

Fl-udjenza tal-21 ta' Marzu, 2016 xehed il-konvenut **Jason Scicluna**[8], li qal li l-verżjoni li hu dejjem ta tal-mod kif seħħ l-inċident kienet li meta waqa', hu ma ġiex fuq l-attriċi, iżda kien laqatha fuq in-naħa ta' wara ta' daharha. Il-konvenut xehed li mal-waqgħa hu ġie wiċċu 'l fuq, u ma setax jara fuq min ġie jew kienx weġġa' lil xi ħadd. Il-konvenut qal li l-persuna li ġie fuqha kienet livell mal-art, u li l-persuna li ntlaqtet minnu kienet fuq l-ispallejn. Ix-xhud iddeskriva l-waqgħa tiegħu b'dan il-mod:

> "Jien fuq min ġejt kien livell mal-art imma jiena naf li lqatt persuna li kienet fuq l-ispalla. Tfajla ta' statura irqiqa, wiċċha ma stajtx narah għax kien hekk, kien lejn id-DJ. Bħal speċi hekk waqajt u jiena fuq il-ġuvintur ġejt, ma ġejtx b'impatt fuqha. Kieku ġejt b'impatt fuqha, kieku dik ..." .

[5] *A fol.* 31 sa 35 tal-proċess.
[6] *A fol.* 36 sa 39 tal-proċess.
[7] *A fol.* 40 tal-proċess.
[8] *A fol.* 42A tal-proċess.

Il-konvenut kompla li hu waqa' minn għoli ta' sular u tliet filati, u li hu jiżen mija u tletin kilogramma. Il-konvenut kompla jgħid li hu l-kaxxier tal-każin tal-banda inkwistjoni, u li dakinhar tal-festa ma kienx xorob. Qal li fil-mument tal-inċident il-marċ kien spiċċa u li dak il-ħin fil-każin tal-banda kienet għaddejja attività minn DJ. Hu qal li waqt li kienu għaddejjin dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, hu kien fil-gallerija meta f'ħin minnhom marret persuna li ppruvat terfgħu fuq l-ispallejn. Kien dak il-ħin li l-konvenut waqa' għal ġol-bitħa tal-każin. Il-konvenut kompla jixhed li dak il-ħin fil-każin kien hemm ħafna nies u rassa, u li ma jafx min kien li pprova jerfgħu fuq l-ispallejn. Il-konvenut xehed li l-unika ħaġa li jaf hi li fil-post fejn waqgħet l-attriċi, daru magħha ħafna nies u beda jisma' ħafna kliem ħażin, u meta avviċina lill-għarus tagħha Stefan Said biex jara x'kien ġara eżatt, dan qallu li lanqas hu ma kien jaf x'ġara, iżda li xi ħadd kien ta daqqa lill-għarusa tiegħu. Kien dak il-ħin li l-konvenut informa lill-għarus tal-attriċi li hu kien waqa' mill-gallerija u jaħseb li laqat lil xi ħadd li kien fuq l-ispallejn. Ix-xhud ġie mistoqsi jekk bħala membru tal-kumitat hu ħassx li għandu jkun ċert li fil-galleriji ma jkunx hemm nies xurbana jew nies fuq l-ispallejn, u hu wieġeb li dak il-ħin hu kien qiegħed jiċċelebra fil-vesti tiegħu personali. Qal ukoll li hu waqa' xħin il-persuna li ppruvat tgħollih qatgħetu mill-art u ppruvat terfgħu. Il-konvenut qal li minkejja li staqsa lil diversi persuni, ħadd ma kien jaf jgħidlu min kien il-persuna li ppruvat terfgħu. Mistoqsi jekk sarx rapport lill-Pulizija dwar dan l-inċident, ix-xhud wieġeb li ma jafx.

L-għarus tal-attriċi, **Stefan Said** ukoll xehed bil-mezz tal-*affidavit*[9], u dan ikkonferma li fit-13 ta' Settembru, 2014 hu kien fil-każin tal-Banda San Mikiel,

[9] *A fol.* 44 tal-proċess.

ġewwa Ħaż-Żabbar flimkien mal-attriċi, hekk kif kien qed jispiċċa l-marċ. Hu kkonferma li dak il-ħin fil-każin kien hemm għadd kbir ta' nies. Ix-xhud iddeskriva l-mod kif seħħ l-inċident billi qal li l-attriċi kienet maġenbu meta f'daqqa waħda sema' ħoss kbir u ra li l-attriċi kienet ser taqa' mal-art, u kellha d-demm f'ħalqha. Ix-xhud qal li ma jafx jekk l-attriċi laħqitx messet l-art, iżda jaf li dak il-ħin hi kienet intilfet minn sensiha, u waqt li hu kien għadu qiegħed jipprova jara x'ġara, kien mar fuqu l-konvenut u infurmah li hu kien għadu kif waqa' mill-gallerija. Ix-xhud qal ukoll li f'dawk il-mumenti marret fuqu persuna oħra li qaltlu li kienet għadha kif inqalgħet ġlieda fil-każin u li jkun aħjar jekk joħorġu barra. Kien dak il-ħin li hu refa' lill-attriċi minħabba li ma setgħetx timxi, u mar biha l-Isptar Saint James. Ix-xhud qal li meta l-attriċi ġiet riferuta l-Isptar Mater Dei u kienu għadhom qegħdin isirulha t-testijiet, kien iltaqa' mal-konvenut li kien l-Isptar ukoll, u li kien staqsieh dwar il-qagħda tal-attriċi. Ix-xhud qal li dak il-ħin il-konvenut qallu li hu kien waqa' meta għelbitu rasu, u li waqt li kien qiegħed ikellmu, kien induna li l-konvenut kellu riħa qawwija ta' xorb.

Ix-xhud ikkonferma li l-attriċi kellha tagħmel ġimgħat tilbes il-kullar, u li kellu jsirilha intervent kirurġiku minħabba li l-ksur li kellha f'għonqha ma kienx għaqad kif suppost. Ix-xhud qal ukoll li minkejja li għaddew diversi xhur mill-inċident, saħħet l-attriċi għadha ma ġietx għal li kienet qabel, u li għadha tkun muġugħa ħafna tant li lanqas issuq għal tul ta' ħin ma tista'. Ix-xhud qal ukoll li l-attriċi kellha titlaq mill-impjieg li kellha, u li b'kollox din damet sena u ħames xhur ma taħdimx konsegwenza tal-inċident. Ix-xhud ikkonkluda x-xhieda tiegħu billi qal li hu kien tela' fil-gallerija tal-każin minn fejn waqa' l-konvenut

u seta' jikkonstata li l-poġġaman tal-gallerija li kien hemm, lilu kienet twassallu kważi sa sidru.[10]

Xhud ieħor li xehed bil-mezz tal-*affidavit* kien **Kurt Cachia**[11], li kkonferma li l-inċident mertu ta' din il-kawża seħħ waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja li jsiru ġewwa Ħaż-Żabbar. Ix-xhud qal li f'ħin minnhom hu ħass daqqa f'għonqu, u li meta ħares madwaru seta' jara lill-konvenut Jason Scicluna jipprova jqum minn fuq l-attriċi. Hu qal li l-konvenut qam mill-art qisu mhux hu, iżda l-attriċi bdiet taqleb għajnejha u wara ftit mumenti bdiet tistaqsi x'kien ġara. Ix-xhud kompla li l-għarus tal-attriċi qajjimha mill-art u ħariġha 'l barra mill-każin sabiex ħadha l-Isptar Saint James. Qal ukoll li l-konvenut kien ammetta li kien waqa' fuq l-attriċi u li kien waqa' mill-gallerija.

Fl-udjenza tal-4 ta' Mejju, 2016, il-Qorti semgħet ix-xhieda ta' **PS 1147, Antoine Fenech**[12], li ntalab jippreżenta filmat[13] tal-inċident li seħħ fit-13 ta' Settembru, 2014 fil-każin tal-Banda San Mikiel, Ħaż-Żabbar. Ix-xhud ikkonferma li l-filmat esebit minnu kien ġie elevat mis-sistema tal-każin fil-ġranet wara li seħħ l-inċident. Ix-xhud esebixxa wkoll erbatax-il *still* ta' ritratti elevati mill-filmat[14] li jindikaw li persuna waqgħet mill-gallerija għal ġol-bitħa interna fejn kien hemm in-nies waqt iċ-ċelebrazzjoni fil-każin.

Fl-istess udjenza xehed **PS 1181 Eugene Caruana**[15], li esebixxa kopja tar-rapport tal-ġlieda li jidher li nqalgħet fl-istess każin ftit tal-ħin wara l-inċident mertu ta' din il-kawża. Ix-xhud qal li l-attriċi kienet għamlet rapport lill-Pulizija

[10] Ritratti esebiti *a fol.* 46 u 47 tal-proċess.
[11] *A fol.* 48 tal-proċess.
[12] *A fol.* 55 tal-proċess.
[13] *A fol.* 59 tal-proċess.
[14] *A fol.* 60 tal-proċess.
[15] *A fol.* 61 tal-proċess.

ftit aktar minn sena wara li seħħ l-inċident, u li wara dan ir-rapport il-Pulizija kienu bagħtu għall-konvenut minħabba li kien irriżulta li waqt l-inċident kienet ġiet ikkaġunata ferita gravi. Ix-xhud qal li l-konvenut qatt ma semma' li seta' kien hemm xi terzi involuti fl-inċident, jew li kien hemm xi ħadd li pprova jalzah waqt li kien fil-gallerija, iżda kien qal biss li huwa kien waqa' minħabba li żbilanċja ruħu. Ix-xhud qal li l-konvenut kien ġie mistoqsi dwar id-dinamika tal-inċident, u dan kien ikkonferma li ma kienx hemm terzi dak il-ħin, u li hu waqa' waħdu.

Ix-xhud ġie mistoqsi dwar jekk jafx ir-raġuni li għaliha r-rapport mill-attriċi sar sena wara l-inċident, u dan qal li l-attriċi kienet marret l-għassa sabiex tiġbor ir-rapport ftit qabel bdiet dawn il-proċeduri. Kien f'dak iż-żmien li hi indunat li rapport formali lill-Pulizija dwar l-inċident ma kienx sar, u li ma kien hemm l-ebda investigazzjoni kriminali marbuta ma' dak li seħħ. Ix-xhud qal li l-Pulizija kienu marru fil-każin minħabba fil-ġlieda li nqalgħet ftit tal-ħin wara l-inċident mertu ta' din il-kawża, u li minkejja li saru jafu li kien hemm persuna li waqgħet mill-gallerija, dan kien kellimhom u għalhekk ħassew li ma kienx hemm lok għal aktar investigazzjonijiet f'dak ir-rigward. Ix-xhud qal li kien biss meta l-attriċi marret biex tiġbor ir-rapport, li lill-Pulizija rriżultalhom li l-ferita sostnuta minnha kienet waħda ta' natura gravi. Ix-xhud ikkonstata li għal perijodu ta' ftit aktar minn sena la l-attriċi u lanqas il-familjari tagħha ma kienu avviċinaw lill-Pulizija. Hu qal ukoll li mill-gallerija għall-art tal-bitħa interna fejn waqa' l-konvenut hemm għoli ta' madwar sular u nofs.

Ħu l-attriċi, **Ian Pisani** ukoll xehed bil-mezz tal-*affidavit*[16], fejn ikkonferma li dakinhar tal-inċident, hu flimkien ma' oħtu u l-għarus tagħha, kienu qegħdin

[16] *A fol.* 77 tal-proċess.

fil-każin tal-Banda San Mikiel ġewwa Ħaż-Żabbar għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa. Hu qal li f'daqqa waħda ra geġwiġija ta' nies u lemaħ lil oħtu mal-art. Qal li oħtu ntrefgħet mill-art u ttieħdet fl-isptar Saint James u sussegwentement l-Isptar Mater Dei. Ix-xhud qal li waqt li kienu l-Isptar Mater Dei kien avviċinahom il-konvenut, li staqsa dwar il-qagħda ta' saħħet l-attriċi u qal lill-għarus tagħha li hu kien waqa' minħabba li għelbitu rasu.

Ir-rapport mediku redatt mill-kirurgu ortopediku **Mr. Massimo Abela**, ġie maħluf minnu fl-udjenza tad-9 ta' Ġunju, 2016.[17]

Ir-radjologu **Dr. Ruben Depasquale** xehed permezz ta' *affidavit*[18] fejn ippreżenta kopja tar-rapport tal-X-Ray li ttieħed fuq għonq l-attriċi in segwitu għall-inċident inkwistjoni, minn liema rapport ingħata l-parir li l-attriċi tilbes kullar u li jitteħdilha CT scan tax-xewka ta' daharha:

> *"Appearances are suggestive of a C5 vertebral fracture with posterior elements involvement. Neck immobilization and a CT scan of the cervical spine is recommended."*

Fl-udjenza tas-16 ta' Diċembru, 2016, xehdet **Dorianne Camilleri Turner**[19], inkarigata mill-Human Resources tas-soċjetà Clentec Limited, li kkonfermat li l-attriċi kienet impjegata mal-kumpannija rappreżentata minnha, u li l-attriċi kienet stazzjonata fl-MCAST. Ix-xhud qalet li l-attriċi kienet impjegata *full-time,* u kienet titħallas il-paga minima. Ix-xhud qalet li l-attriċi kellha titlaq l-impjieg li kellha minħabba raġunijiet ta' saħħa.

[17] *A fol.* 86 tal-proċess.
[18] *A fol.* 98 *et seq.* tal-proċess.
[19] *A fol.* 114 tal-proċess.

Fl-udjenza tal-10 ta' Jannar, 2017 xehed il-kirurgu ortopediku **Mr. Joseph Borg**[20], li kkonferma li kien hu li opera lill-attriċi wara l-inċident li kellha. Ix-xhud qal li l-attriċi kellha bżonn intervent wara li waqgħet fuqha persuna u kisritilha għonqha. Mr Borg kkonstata li fil-bidu kien rakkommandat li l-attriċi tilbes kullar, iżda wara xi żmien ġie nnutat li l-ksur li ġarrbet ma kienx qiegħed ifieq, u li l-għadma kienet qiegħda tiċċaqlaq 'il quddiem:

> "Fis-6 ta' Novembru, 2014 kellha bżonn intervent, attwalment żewġ interventi għax operajna minn quddiem tal-għonq u minn wara fejn daħħalna pjanċi, ħadid u viti biex nistabbilizzaw il-ksur u l-għadam tal-għonq."

Ix-xhud qal li minn dak li seta' jikkonferma hu, ma jidhirx li fil-passat l-attriċi kellha xi *injuries* f'għonqha.

L-attriċi xehdet fl-udjenza tal-10 ta' Jannar, 2017[21], f'liema udjenza hi ntalbet tispjega l-irċevuti esebiti minnha. Hi qalet li dakinhar tal-inċident hi ttieħdet l-Isptar Saint James fejn sarulha xi testijiet, li għalihom ħallset mitejn u sittax-il Euro (€216). Dan l-ammont hi ma rkupratux mingħand il-konvenut. Hi spjegat ukoll li l-irċevuti *a fol.* 34 u 35 maħruġa minn Milia's Pharmacy, kienu għax-xiri ta' diversi mediċini li kienet tieħu minħabba l-uġigħ f'għonqha riżultat tal-inċident.

Fl-udjenza tas-17 ta' Marzu, 2017 xehed **Frans Bezzina**[22], li kkonferma li hu kien jaf lill-konvenut minħabba li t-tnejn li huma għal xi żmien kienu joqogħdu Ħaż-Żabbar. Hu qal li kull sena jmur Ħaż-Żabbar għall-festa u jiltaqa' mal-konvenut. Qal li dakinhar tal-inċident hu kien maġenb il-bar tal-każin ta' San Mikiel, u f'ħin minnhom ħares lejn il-gallerija, fejn lemaħ lill-konvenut jintrefa'

[20] *A fol.* 119 tal-proċess.
[21] *A fol.* 123 tal-proċess.
[22] *A fol.* 128 tal-proċess.

u jegħleb. Qal li dak il-ħin induna li l-konvenut ipprova jaħtaf mal-ħadid tal-gallerija u waqa' għal isfel. Hu kompla jgħid li dak il-ħin hu induna li l-konvenut seta' weġġa' u mar jiġri fuqu –

> "Kien hemm in-nies imdawrin miegħu. Għidtlu, 'X'ġara Jason?' Għidtlu, 'Orrajt?' Qalli, "naqra dahri, xi ħadd ipprova jerfagħni nsomma." *Panic* sħiħ u ġew ħafna nies li jiġu minnu u hekk. Imbagħad bdejt ngħidlu "Jason x'ġara eżatt? Weġġajt?" "Le naqra dahri", qalli. Imbagħad inqala' *panic* u ġlied u ma nafx x'ġara aktar."

Ix-xhud qal li fil-mumenti ta' wara kien hemm persuni qraba tal-konvenut li bdew jistaqsu min kien li pprova jerfgħu. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li din hi l-ewwel darba li qiegħed jagħti l-verżjoni tiegħu ta' kif seħħ l-inċident inkwistjoni.

Fl-istess udjenza xehed **Charlot Desira**[23] ħabib tal-konvenut, li qal li dakinhar tal-inċident hu kien qiegħed ma' sħabu fil-każin ta' San Mikiel għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja, meta ħin minnhom ħares 'il fuq u ra lill-konvenut fil-gallerija tal-istess każin. Hu qal li l-konvenut kien qiegħed jissussa ruħu u rah ukoll jegħleb, ipprova jaqbad mal-poġġaman tal-gallerija u wara waqa' għal isfel. Ix-xhud qal li hu mar jiġri fuq il-konvenut biex jara xi ġralu, u dan qallu li kien għeleb meta xi ħadd ipprova jerfgħu. Qal li meta staqsa lill-konvenut min kien li pprova jerfgħu, dan beda jgħid li ma jafx. Qal ukoll li dak il-ħin qraba tal-konvenut riedu jitilgħu fil-gallerija tal-każin biex jaraw min kien li pprova jerfgħu, iżda s-*security* ma ħallewhomx. Ix-xhud qal ukoll li s-*security* użaw il-*pepper spray* fuq il-folla, u dak il-ħin kienu ħafna l-persuni li ħarġu 'l barra mill-każin. Hu kkonkluda li minkejja li dak il-ħin tal-inċident kien hemm ħafna nies kemm fil-bitħa tal-każin kif ukoll fil-każin, hu

[23] *A fol.* 133 tal-proċess.

rnexxielu jara l-inċident iseħħ mill-ħin li fih il-konvenut ġie elevat sa xħin waqa'.

Xhud ieħor li xehed fl-istess udjenza kien **Anton Vassallo**[24], qarib tal-konvenut, li qal li dakinhar tal-inċident kien qiegħed fil-bitħa tal-każin mal-bar, meta ħin minnhom sema' kommozzjoni u xħin ħares 'il fuq lemaħ lil kuġinuh qisu qiegħed jintrefa' u jipprova jiggranfa mal-gallerija. Ix-xhud qal li dak il-ħin hu mar jiġri biex jara x'kien ġara, u li l-konvenut kien qal li xi ħadd ipprova jerfgħu, għalkemm qal li ma jafx min kien. Hu kompla li hu flimkien ma' persuni oħra ppruvaw jitilgħu fil-gallerija biex jaraw x'kien ġara eżatt, iżda twaqqfu minn uffiċjali tas-sigurtà li wżaw ukoll il-*pepper spray.* Ix-xhud qal li fil-mumenti ta' wara qabdet ġlieda.

Fl-udjenza tal-20 ta' April, 2017 xehed **Roderick Vella**[25], li qal li hu kien jaf lill-konvenut minħabba li għal diversi snin ħadmu fil-kumitat tal-għaqda Madonna tal-Grazzja San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, u li dakinhar tal-inċident il-partitarji tal-każin kienu qegħdin jiċċelebraw fil-każin f'attività li saret apposta u li kienet koperta bil-permessi. Ix-xhud ikkonferma li din hi attività li jattendu bosta nies għaliha u li hi miftuħa għal kulħadd. Qal li fil-ħin li fih seħħ l-inċident, kien hemm rassa fil-gallerija minħabba li xi nies milli kienu isfel fil-bitħa, telgħu fuq. Ix-xhud qal li ma rax l-inċident iseħħ għalkemm kien qiegħed fil-gallerija, iżda sema' għajjat u ra lin-nies jinferqu fi stat ta' paniku, u beda jisma' lil min jgħid li waqa' Jason Scicluna. Ix-xhud qal li ħadd ma kien jaf kif ġara l-inċident, u li hu lemaħ lill-konvenut jitkellem ma' xi nies u jistaqsi min kien li pprova jerfgħu. Ix-xhud qal li sa dakinhar li kien qed jixhed, ma kien kellmu ħadd dwar l-inċident.

---

[24] *A fol.* 140 tal-proċess.
[25] *A fol.* 147 tal-proċess.

Ix-xhud ġie mistoqsi hux il-każ li fil-gallerija jista' jitla' kulħadd, irrispettivament mill-istat li jkun fih, u dan ikkonferma li fil-ġranet tal-festa il-każin ikun miftuħ għall-pubbliku, filwaqt li ħadd ma jiċċekkja jekk persuni li jitilgħu fil-gallerija jkunux xurbana jew le. Hu qal li qabel il-ħruġ għall-gallerija jkun hemm *security*, iżda ma setax jikkonferma b'ċertezza x'kien hemm dakinhar minħabba li hu kien fuq.

Fl-udjenza tat-12 ta' Mejju, 2017 xehed **Charles Farrugia**[26], li qal li hu kien ilu jaf lill-konvenut mindu kienu tfal, u li l-konvenut hu miżżewweġ lil oħt ix-xhud. Ix-xhud ikkonferma li l-inċident seħħ waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa ta' Ħaż-Żabbar. Hu kkonferma li fil-ħin li fih seħħ l-inċident, hu kien daħal ġol-każin ma' xi ħbieb. Ix-xhud spjega l-kommozzjoni li nqalgħet b'dan il-mod:

> "... wara ftit ħin rajt xi ħaġa nieżla hekk. Ħsibthom waddbu xi ħaġa jew hekk dak il-ħin ġo dawk in-nies kollha u l-għajdut bdew jgħidu Jason iġġieled u waddbuh mill-gallerija. Jien bdejt ngħid jien qed nisma' sew? Ħsibtni qiegħed ġo ħolma. Bdejt nipprova nersaq 'il quddiem biex nara x'ġara u nara narax lil Jason għax ħsibtni ħa nsibu mejjet mal-art, waddbuh mill-gallerija u kif avviċinajt iltqajt ma' Jason u għidtlu, "ma min iġġilidt?" Qalli "x'iġġilidt, iġġilidt", qalli "xi ħadd ipprova jerfagħni u għelibt 'il quddiem." Imbagħad x'ħin qalli hekk bdejt nipprova biex nitilgħu fil-gallerija u sakemm mort hemm kien hemm is-*securities* u għalqu l-passaġġ biex ma tidħolx biex tmur għat-taraġ tal-gallerija u sadanittant bdew ġejjin il-kuġini ta' Jason ukoll għax dawn familja kbira u bdew jargumentaw mas-*securities* u waqt l-argument u hekk jiena għamilt hekk, ħarist la ġenba u nara ġuvni jaqbad tfajla jixxejkjaha hekk u jgħidilha, "għidli x'ġaralek?" Sadanittant is-*security* sprejaw il-*pepper spray* u inqalgħet ġlieda oħra wara jiġifieri."

Ix-xhud kompla li hu u l-persuni li kienu miegħu ppruvaw jitilgħu fil-gallerija iżda ma rnexxilhomx, u li minkejja li ppruvaw isiru jafu min kien li pprova jerfa'

[26] *A fol.* 156 tal-proċess.

lill-konvenut, ma rnexxilhomx isiru jafu. Ix-xhud qal ukoll li meta ra lil xi ħadd 'jixxejkja' lill-attriċi, din kienet bilwieqfa u mhux mal-art.

Fl-udjenza tat-12 ta' Mejju, 2017 xehed **Twanny Farrugia**[27], li qal li hu jaf lill-konvenut minħabba li hu wieħed minn sħabu tal-każin. Ix-xhud ikkonferma li dakinhar tal-inċident kien hemm ħafna nies kemm fil-bitħa kif ukoll fil-gallerija tal-każin qegħdin jiċċelebraw il-festa tal-lokal, u li kien hemm ħafna nies fuq l-ispallejn. Dan ix-xhud ukoll ikkonferma li f'ħin minnhom inqalgħet kommozzjoni, u sema' lin-nies jgħidu li 'waqa' Jason'. Hu qal li pprova jkellem lill-konvenut biex jara x'kien ġralu, u dan qallu li kien waqa' meta xi ħadd ipprova jerfgħu. Ix-xhud qal li minn dak il-ħin inqalgħet konfużjoni sħiħa xħin xi ħadd uża l-*pepper spray.*

Fl-udjenza tat-8 ta' Ġunju, 2017 xehed **Daniel Agius**[28], li kkonferma li l-konvenut hu ħabib tiegħu, u li l-inċident inkwistjoni seħħ waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa ta' Ħaż-Żabbar. Hu qal li meta sema' kommozzjoni u sema' lin-nies jgħidu li kien waqa' Jason Scicluna, hu mar biex jara x'ġara, u l-konvenut wieġbu li hu kien għeleb għal isfel wara li xi ħadd ipprova jerfgħu. Ix-xhud qal li hu ma rax lill-konvenut jaqa', iżda kkonferma li fil-ħin tal-inċident kemm fil-gallerija kif ukoll fil-bitħa tal-każin kien hemm ħafna nies. Ix-xhud qal ukoll li l-użu tal-*pepper spray* minn uffiċjali tas-sigurtà ma sarx minħabba l-inċident mertu ta' din il-kawża, iżda minħabba l-konfużjoni li kien hemm fil-każin. Ix-xhud ġie mistoqsi jekk din iċ-ċelebrazzjoni fil-każin issirx wara l-marċ ta' filgħodu meta jista' jkun li jkun hemm nies li jkunu ilhom jixorbu, u hu kkonferma li jitħallew jitilgħu n-nies anki fil-gallerija li hi miftuħa għall-pubbliku.

[27] *A fol.* 161 tal-proċess.
[28] *A fol.* 167 tal-proċess.

Fl-udjenza tal-10 ta' Lulju, 2017, xehed **Lawrence Mifsud**[29], li kkonferma li hu ħabib tal-konvenut u kkonferma wkoll li l-inċident mertu ta' din il-kawża seħħ waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja, fil-każin tal-Banda ta' San Mikiel, Ħaż-Żabbar. Ix-xhud qal li fil-gallerija tal-każin dakinhar tal-festa seta' jidħol kulħadd. Ix-xhud qal li hu lill-konvenut ma rahx jaqa', għalkemm fil-mumenti ta' wara rah mal-art b'ċorma nies imdawrin miegħu. Ix-xhud qal ukoll li hu u nieżel kien hemm min beda jistaqsi jekk kienx hemm xi ħadd li refa' lill-konvenut u ssemma ċertu Edgar li ġieli jattendi għall-festa ta' Ħaż-Żabbar. Qal ukoll li ra lill-għarus tal-attriċi 'jixxejkjaha' u lilha tintelaq fuqu. Ix-xhud qal li spiss jiġri li fil-festa ta' Ħaż-Żabbar in-nies jerfgħu lil xulxin fuq l-ispallejn, u li mhux soltu li persuna tiġi tgħidlek li ser terfgħek. Ix-xhud ikkonferma wkoll li hu qatt ma kien ta l-verżjoni ta' kif ġraw l-affarijiet lil ħadd sal-jum li fih issejjaħ biex jixhed.

Fl-udjenza tas-27 ta' Ottubru, 2017 xehdet l-attriċi in kontroeżami[30], li kkonfermat li dakinhar tal-inċident hi kienet qiegħda tattendi għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa barra l-każin, u fl-aħħar parti tal-marċ li jsir ġewwa l-każin hi u sħabha ddeċidew li jidħlu ġewwa għall-għeluq. L-attriċi qalet li jista' jkun li f'xi ħin qabel seħħ l-inċident hi kienet fuq l-ispallejn, iżda qalet ukoll li dak il-ħin tal-inċident hi kienet bilwieqfa mal-art, u li ħdejha kien hemm familjari oħra tagħha. Qalet li kien hemm rassa bin-nies imissu ma' xulxin. L-attriċi qalet li mad-daqqa hi ntilfet, u li d-daqqa hi ma ħassithiex. Kien biss xħin ġiet f'sensiha li bdiet tistaqsi x'kien ġara. L-attriċi qalet li x'ħin reġgħet ġiet f'tagħha hi kienet għadha fil-bitħa, u li kienet bilwieqfa minħabba li l-għarus tagħha kien refagħha. L-attriċi kkonfermat ukoll li kien l-għarus tagħha li

[29] *A fol.* 171 tal-proċess.
[30] *A fol.* 176 tal-proċess.

ħadha l-Isptar Saint James wara li refagħha fuq idejh. L-attriċi xehdet li mit-testijiet li sarulha fl-Isptar, irriżulta li hi kienet sofriet ksur fl-irkiekel ta' għonqha, u qalet ukoll li fil-passat qatt ma kellha problemi minħabba f'għonqha. Id-difensur tal-konvenut staqsa lill-attriċi b'liema mod l-inċident inkwistjoni llimitalha ħajjitha, u hi wieġbet li meta tagħmel tul ta' ħin fl-istess pożizzjoni, jkollha tqum tiċċaqlaq u li meta tkun riekba f'karozza tagħmel użu mill-*headrest.* Mistoqsija tistax tagħmel attivitajiet bħal tattendi *parties, hikes,* hi qalet li hemm limitu x'tista' tagħmel u x'piżijiet tista' terfa'. L-attriċi ġiet murija sett ritratti[31], li f'wieħed minnhom tidher waqt *hike* b'basket wara daharha, filwaqt li l-persuni l-oħrajn tal-grupp ma kellhom xejn, kif ukoll ritratt ieħor li juri lill-attriċi riekba *jeep* mingħajr użu ta' *headrest.* L-attriċi kkonfermat ukoll li jkun hemm drabi meta hi tmur *parties* li jinvolvu l-waqfien għal tul ta' ħin, u li ġieli tilbes it-tkaken għalkemm tkun muġugħa. L-attriċi qalet li minkejja li hemm attivitajiet li hi baqgħet tagħmel, madanakollu ma jfissirx li ma jkollhiex issofri l-konsegwenzi wara.

Fl-udjenza tas-27 ta' Novembru, 2017 xehed **Duncan Deguara**[32], li dakinhar tal-inċident mertu ta' din il-kawża kien qiegħed jaħdem bħala uffiċjal tas-sigurtà fil-każin tal-banda San Mikiel fejn seħħ l-inċident, li qal li b'kollox kien hemm sitt uffiċjali tas-sigurtà. Hu qal li ma kienx hemm biżżejjed uffiċjali tas-sigurtà fil-każin dak il-ħin għaliex il-festa kien hemm ħafna nies. Ix-xhud ikkonferma li s-*security* jkunu ppożizzjonati mal-bibien jew mal-bitħa tal-każin, u li dakinhar tal-inċident inkwistjoni kien inqala' l-ġlied fil-każin. Ix-xhud qal li hu kien qiegħed f'post elevat, fuq id-*DJ stand*, meta ra lill-attriċi fuq spallejn l-għarus tagħha, u li jaf li l-konvenut kien waqa' mill-gallerija tal-każin,

[31] *A fol.* 192 sa 202 tal-proċess.
[32] *A fol.* 204 tal-proċess.

għalkemm hu ma rahx jaqa'. Qal ukoll li dak il-ħin in-nies li kien hemm fil-każin bdew jippanikkjaw. Ix-xhud kompla hekk:

> "Bdew jixxejkjawha. Għidtlu, "mhux hekk għax jekk għandha xi ħaġa u ħabtet rasha". Qalli, "le". Refgħuha, imxejna u għidtlu "ħa noqgħod jiena quddiemek ħalli niftaħlek in-nies". Ħriġna, ġiet bil-wieqfa u għidtilha, "ċaqlaq għonqok, ċaqlaq idejk". Għidtilha, "li għandek naqra demm f'ilsienek".

Ix-xhud qal li minn dak il-ħin 'il quddiem ma jafx x'ġara minħabba li l-attriċi u l-persuni li kien hemm magħha ħarġu barra mill-każin, filwaqt li fuq ġewwa inqalgħet ġlieda, tant li anki uffiċjali tal-RIU daħlu jassistu lill-uffiċjali tas-sigurtà fil-każin. Ix-xhud qal li hu kien tqabbad jaħdem bħala uffiċjal tas-sigurtà mill-president tal-każin, u li hu kellu liċenzja biex jaħdem bħala *security* jew bħala *bouncer.* Ix-xhud qal li meta pprova jindaga x'kien ġara dakinhar tal-inċident, hu kien sema' lin-nies jgħidu li l-konvenut waqa' meta xi ħadd ipprova jgħollih fuq l-ispallejn. Ix-xhud intalab jiċċara dak li xehed qabel, li ra lill-attriċi fuq spallejn l-għarus tagħha, u ntalab jikkonferma jekk fil-ħin li waqa' l-konvenut din kinitx għadha fuq l-ispallejn. Ix-xhud qal li hu ma rax lill-konvenut jaqa' mill-gallerija u li meta l-attriċi nħarġet mill-każin mal-għarus tagħha, hu mexa quddiemhom, u li f'dak il-ħin l-attriċi kienet qiegħda ċċaqlaq kullimkien. Ix-xhud qal li hu kien jaf lill-konvenut minn qabel l-inċident, u li minn dakinhar tal-inċident 'il quddiem hu qatt ma reġa' tkellem miegħu.

Il-Qorti rat ir-rapport redatt mill-espert mediku **Mr. Carmel Sciberras,** maħtur minnha fl-udjenza tat-8 ta' Ġunju 2017[33], li kkonstata l-fatti li jiċċirkondaw l-inċident inkwistjoni. Mr Sciberras wara li eżamina lill-attriċi, ikkonstata li din għadha tilmenta minn uġigħ u għebusija f'għonqha, tant li hemm attivitajiet fiżiċi li hija ma tistax tagħmel. L-espert mediku kkonstata wkoll li l-attriċi tieħu

[33] Esebit *a fol.* 212 tal-proċess.

pilloli għall-uġigħ fuq bażi regolari u tmur għal sessjonijiet tal-agupuntura, u li minkejja li dan l-aħħar sabet impjieg bħala skrivana, la tista' toqgħod ħin twil bilqiegħda u lanqas bilwieqfa. Ġie stabbilit ukoll li l-attriċi tista' ssuq, iżda mhux għal ħin twil. Hemm attivitajiet li jikkawżawlha uġigħ f'dirgħajha bħal meta tisgħol jew tagħtas, għalkemm qabel dan l-inċident jirriżulta li l-attriċi qatt ma kellha uġigħ bħal dan. Il-konklużjoni tal-espert mediku maħtur mill-Qorti kienet li l-ksur li ġarrbet l-attriċi seta' kellu konsegwenzi agħar ħafna, u li b'xorti tajba l-ksur ġie rranġat permezz ta' operazzjoni li saret parti minn quddiem u parti minn wara. L-espert mediku kkonstata li minkejja li l-ksur għaqad, għonqha ser jibqa' difettuż, u li trid toqgħod ħafna attenta minn xi skossi, movimenti ta' malajr u attivitajiet bħal dawn. Mr Sciberras ikkonkluda li d-debilità permanenti sofferta mill-attriċi hi ta' 20%.

Il-konvenut **Jason Scicluna** xehed permezz ta' *affidavit*[34], fejn qal li dakinhar tal-inċident hu kien qiegħed fil-każin tal-banda San Mikiel, f'ħin li fih kien hemm ħafna rassa u nies merfugħin 'il fuq. Qal li f'ħin minnhom ħassu jinqata' mill-art, u minkejja li pprova jaqbad mal-ħadid tal-gallerija, hu kien diġà għeleb għal isfel, bil-konsegwenza li ġie fuq in-nies. Hu qal li mal-waqgħa hu ġie b'saqajh 'il fuq, u minn dak li ra madwaru fil-ħin ta' wara l-inċident, ma seta' jara lil ħadd mal-art. Hu qal li kif mexa ftit passi lemaħ lill-għarus tal-attriċi li qallu li xi ħadd kien laqat lit-tfajla tiegħu, għalkemm ma kinux jafu min. Il-konvenut qal li hu l-attriċi beda jċaqlaqha (jixxejkjaha) u kien dak il-ħin li hi ħassha ħażin. Qal ukoll li meta staqsa lill-għarus tal-attriċi jekk din kinitx fuq l-ispallejn fil-ħin tal-inċident, l-għarus tagħha qallu li iva. Ix-xhud kompla jgħid hekk dwar dak li ġara fil-ħinijiet ta' wara l-waqgħa:

[34] *A fol.* 218 tal-proċess.

> "Stefan stess dak il-ħin qalli għax naf li int raġel sewwa li se teħlisha għax kieku kont ieħor kienet tkun storja differenti. Sadanittant ħuha Ian staqsa lil Stefan x'kien qiegħed jiġri u Stefan qallu li Jason għadu kemm waqa' mill-gallerija u naħseb li hu laqatha. Peress illi kien ħassha ħażin u kienet kważi qamet kommozzjoni, kien ġie xi *security* wkoll u niftakar li riedu jeħduha l-Isptar Saint James, iżda jien għidtilhom aħjar ma ċċaqalquhiex iżda huma baqgħu jinsistu li riedu jeħduha."

Il-konvenut kompla li wara li l-attriċi nħarġet barra, kien hemm għadd ta' persuni li daru miegħu bdew jistaqsuh x'ġara, tant li riedu jitilgħu fil-gallerija tal-każin biex jaraw min kien li pprova jerfa' lill-konvenut. Hu qal li dak il-ħin inqalgħet ġlieda oħra fejn anki intuża l-*pepper spray,* u kien hemm il-fliexken involuti wkoll. Qal ukoll li dakinhar stess hu kien muġugħ tant li ddeċieda li jmur l-Isptar fejn ġie wiċċ imb wiċċ ma' qraba tal-attriċi. Hu qal li qagħad ħafna attent kif jitkellem fil-każin minħabba biżgħa li kellu li jeskalaw l-affarijiet. Il-konvenut xehed li hu ma kienx xurban.

Hu kompla jgħid li sikwit kien isaqsi lill-għarus tal-attriċi dwarha u li dan kien jgħidlu li hi ma kinitx ħażin. Xehed ukoll li madwar jumejn wara l-inċident hu ltaqa' mal-attriċi u l-għarus tagħha, li kien staqsieh jekk il-każin għandux *insurance*. Ix-xhud allega li dak il-ħin l-għarus tal-attriċi dar fuqha u qalilha:

> "issa *cheque* tajjeb mingħand l-*insurance* u ma tbatix aktar għax-xogħol babe".

Il-konvenut xehed ukoll li l-Pulizija bagħtu għalih aktar minn sena wara li seħħ l-inċident, u li meta bagħat għalih l-Ispettur tal-għassa ta' Ħaż-Żabbar hu kien ħaseb li xi ħadd kien qiegħed jiċċajta minħabba li hu spiss kien jiltaqa' mal-attriċi u mal-għarus tagħha u kienu jkellmuh. Il-konvenut xehed ukoll li hu kien ilu snin jaf lill-attriċi u li minn dejjem kien jinnota li kien hemm xi ħaġa stramba fil-mod kif kienet timxi. Qal ukoll li għal xi żmien hu kellu ħanut Raħal Ġdid, u

z-zija tal-attriċi kienet issuġġerietlu jimpjega lill-attriċi miegħu għaliex ix-xogħol li kellha kien wieħed ta' tbatija u kawża ta' kundizzjoni li l-attriċi kellha sa minn meta kienet żgħira, iz-zija tagħha uriet tħassib dwar jekk din setgħetx iddum tagħmel xogħol ta' tindif għal ħafna snin. Il-konvenut qal li qabel l-inċident hu ġieli ra lill-attriċi ddur il-bibien tqassam il-kotba, u kien jinnota li l-piż tal-kotba hi kienet iġġorru f'*carrier* u mhux f'basket m'għonqha jew ma' daharha kif kien jara lil sħabha jagħmlu.

Il-kontroeżami tal-konvenut[35] sar fl-udjenza tal-5 ta' Marzu, 2018, u dan intalab jispjega r-raġuni għalfejn ma kienx informa lill-Pulizija li hu tilef il-bilanċ meta xi ħadd ipprova jerfgħu, u minflok kien qalilhom li hu kien mal-ħadid tal-gallerija meta f'daqqa waħda tilef il-bilanċ u waqa' għal isfel. Minkejja li mir-rapport tal-Pulizija jirriżulta li dawn kienu kellmu lix-xhud fl-14 ta' Settembru, 2014, il-konvenut baqa' jinsisti li lilu l-Pulizija kellmuh biss aktar minn sena wara l-inċident, jiġifieri fis-sena 2015. Hu qal li hu u nieżel mill-gallerija ħass ruħu qiegħed idur, u li dak il-ħin seta' josserva li kien hemm diversi persuni fuq l-ispallejn, u li ħass li laqat persuna ta' statura irqiqa li dak il-ħin kienet fuq l-ispallejn. Il-konvenut allega li minkejja li l-attriċi kienet imdawra bil-ħbieb tagħha, li waqt li bdew jistaqsuha x'kien ġara bdew jitkellmu ħażin, ħadd minnhom ma ttella' jixhed quddiem il-Qorti. Qal ukoll li ħuha u l-għarus tagħhait-tnejn bdew iċaqalquha ħafna minn spallejha, speċjalment ħuha Ian. Il-konvenut ikkonferma li d-dinamika ta' kif seħħ l-inċident kienet tinvolvi li xi ħadd jidħol taħtu, u jolzah. Il-konvenut qal li l-unika indikazzjoni li hu kellu dwar min kien li seta' pprova jerfgħu, kienet li dan kien ċertu Edgar Apap magħruf bħala 'It-Totty', u li n-nies tawh din l-informazzjoni l-għada li seħħ l-

[35] *A fol.* 225 tal-proċess.

inċident, dakinhar tal-festa. Minkejja li hu kellu din l-informazzjoni dwar min seta' kien li pprova jerfgħu, il-konvenut qal li hu ma tax din l-informazzjoni lill-Pulizija. Il-konvenut qal li hu kien ra lil dan Edgar Apap 'it-Totty' fil-festa tas-sena ta' wara, fl-2015, u li hu kien mar fuqu u staqsieh kienx hu li pprova jerfgħu. Il-konvenut xehed li dan Apap l-ewwel m'għamel kien li staqsieh min kien qallu, u beda jkun aggressiv fi kliemu. Qallu wkoll biex ladarba ma kienx involut f'kawża l-Qorti, ma kellux għalfejn iħabbel rasu. Il-konvenut qal li hu lil Edgar Apap ma semmiehx fl-*affidavit* tiegħu għaliex ma kienx rah, u għalhekk ma kienx ċert li kien hu li għollieh. Mistoqsi setax kien il-każ li hu tela' fuq siġġu jew banketta u kien għalhekk li waqa', il-konvenut wieġeb fin-negattiv. Il-konvenut ġie mistoqsi jekk hu ħassx il-ħtieġa li jinforma lill-Pulizija li xi ħadd kien olzah mill-art, mossa li setgħet twassal biex hu jweġġa' gravi jew imut, iżda l-konvenut baqa' jinsisti li lilu l-Pulizija riedu jkellmuh biss fuq il-ġlieda u mhux fuq l-inċident tal-waqgħa. Il-konvenut kien konfuż fix-xhieda li ta meta l-ewwel qal li hu qatta' l-jum li fih seħħ l-inċident u l-għada, it-13 u l-14 ta' Settembru, 2014, l-Isptar, u wara qal li l-għada tal-inċident, f'jum il-festa, kien hemm nies li avviċinawh fil-pjazza u qalulu li kien 'it-Totty' li pprova jolzah u qalbu għal isfel.

<u>**Konsiderazzjonijiet legali**</u>

F'kawżi ta' din ix-xorta, l-ewwel evalwazzjoni li trid tagħmel il-Qorti hija tad-dinamika ta' kif seħħ l-inċident mill-provi prodotti quddiemha, sabiex tistabbilixxi jekk kienx hemm responsabbilità da parti tal-konvenut għall-akkadut, jew le. Il-Qorti evalwat id-diversi provi li kellha quddiemha, u minnhom siltet għadd ta' konklużjonijiet dwar il-verosimiljanza ta' dak li

semgħet, anki minħabba għadd ta' diverġenzi li jirriżultaw mill-provi. Il-Qorti hawnhekk ser tagħmel parentesi dwar il-grad tal-prova rikjest minnha u x'inhi l-evalwazzjoni li għandha ssir minnha f'ċirkostanzi fejn hemm diverġenzi fix-xhieda prodotti quddiemha. Fis-sentenza fl-ismijiet **George Bugeja vs Joseph Meilak**[36] intqal illi:

> "Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet."

Bl-istess mod fis-sentenza fl-ismijiet **Perit John M. Gambina *vs.* Fithome Ltd**[37] irriteniet illi:

> "Il-Qorti trid timxi fuq is-soliti kriterji ta' kredibilità, konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbiltajiet li huma suffiċjenti f'kawża ċivili."[38]

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et *vs.* William Rizzo et**[39] il-Qorti stabbiliet dan li ġej:

> "In tema legali jiġi osservat li huwa prinċipju fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi għall-prinċipju li *onus probanti incumbit ei qui diciit non ei qui negat* (App. Inf. Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et – 22 ta' Novembru 2002). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni. Mill-banda l-

[36] P.A., 30.10.2003.
[37] Q.A., 06.05.2011.
[38] Ara wkoll **Dr Elizabeth Vella M.D. *vs.* Bieb Bieb Limited *et.***, P.A., 09.12.2011.
[39] P.A., 28.04.2004.

oħra però mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "*in dubio pro reo*". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "*tot homines tot sentetiae*", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "*bona fide*" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarrqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".

Din il-Qorti tagħmel riferiment wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi** fejn ingħad illi:

"In materja ta' provi, ir-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:
a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio),* sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur *(reus in excipiendo fit actor)* – Ara **Vol. XLVI, P.i, p.5**.

b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta – Ara **Vol. XXXVII, P.i, p.577**;

ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni – Ara b'eżempju **Ramchand Kilumal *noe vs.* Jessie Blanco** – App. 30 ta' Ġunju, 1912, Kollez. Vol. XXIV. P.i, p.104."[40]

Fl-aħħar nett jingħad fil-kawża fl-ismijiet **Lawrence u Anthony Fino *pro et noe vs.* Joseph u Charles Fino**[41]:

"Kif tajjeb għalhekk ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza in re: **Enrico Camilleri *vs.* Martin Borg**, mogħtija fis-17 ta' Marzu, 2003 (ara wkoll sentenzi b'deċiżjonijiet simili in re: **E Zammit *vs.* Petrococchino**, Qorti ta' l-Appell, 25 ta' Frar, 1952; u **Paul Vassallo *vs.* C. Pace**, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu, 1986),"Il-ġudikant fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet, imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet"."[42]

[40] App. Inf., 12.04.2007.
[41] Q.A. (Sede Superjuri), 24.09.2004.
[42] Ara wkoll **Bugeja *vs.* Mejlaq**, P.A., 30.10.2003.

Iggwidata minn dawn il-prinċipji, il-Qorti tqis li l-inċident inkwistjoni seħħ meta l-konvenut waqa' mill-gallerija ta' każin tal-banda waqt ċelebrazzjoni tal-festa u ġie fuq l-attriċi. Ma ġiex stabbilit b'ċertezza x'kien li wassal għall-waqgħa, u dwar dan hemm provi konfliġġenti minħabba li jidher li għall-bidu l-verżjoni tal-konvenut kienet li hu b'xi mod għeleb jew tilef il-bilanċ u kien għalhekk li waqa' għal isfel. Madanakollu meta ttellgħu sħabu jixhdu, dawn kollha qalu l-istess ħaġa, li l-attur intrefa' mill-art u tilef il-bilanċ meta kien hemm xi ħadd li pprova jolzah. L-uffiċjal tal-Pulizija PS 1181 Eugene Caruana qal li l-ewwel verżjoni mogħtija mill-konvenut l-għada tal-inċident[43] kienet li ma kienx hemm terzi involuti fil-waqgħa tiegħu u li hu kien tilef il-bilanċ u konsegwenza ta' hekk waqa' għal isfel. Iżda l-qraba u l-ħbieb tal-konvenut kollha xehdu mod ieħor, u dan minkejja li ħadd minn dawn il-persuni li ttellgħu jixhdu ma kien preżenti fil-gallerija mal-konvenut fil-ħin tal-waqgħa, ħlief għal Twanny Farrugia li xehed li minkejja li kien fil-gallerija ma rax l-inċident iseħħ, u sema' mingħand in-nies li l-konvenut kien waqa' għal isfel. Anki ħu l-attriċi Ian Pisani, xehed li meta hu ltaqa' mal-konvenut l-Isptar dakinhar tal-inċident, il-konvenut kien qal li hu kien waqa' wara li għelbitu rasu.

Il-Qorti kkunsidrat dak li semgħet mix-xhieda li tressqu quddiemha fil-kuntest tal-*video* u l-i*stills* tal-*video* esebiti f'din il-kawża, minn fejn jirriżulta b'mod ċar li kemm fil-gallerija kif ukoll fil-bitħa tal-każin inkwistjoni, kien hemm għadd kbir ta' nies. Jirriżulta wkoll li l-gallerija minn fejn waqa' l-konvenut hi waħda għolja madwar sular u nofs, u li dan l-inċident seta' kellu konsegwenzi ferm agħar milli fil-fatt kellu. Fl-isfond ta' dan il-Qorti ma tistax ma tikkummentax

[43] Għalkemm il-konvenut jiċħad li hu ta xi tip ta' stqarrija lill-Pulizija l-għada tal-inċident jew fil-ġranet ta' wara, u xehed li l-unika darba li lilu kellmuh il-Pulizija kien aktar minn sena wara li seħħ l-inċident, wara li għamlet ir-rapport tagħha l-attriċi.

dwar ir-responsabbilità tad-diriġenti tal-każin inkwistjoni u tal-konvenut, li bħala uffiċjal tal-każin li fih kienu qegħdin isiru dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, ċertament kellu juri aktar maturità u sens ta' responsabbilità fil-konfront tal-persuni li kienu qegħdin jiċċelebraw il-festa billi jassigura li jekk tħallew għadd ta' nies jitilgħu fil-gallerija, almenu dawn iġibu ruħhom b'mod dekoruż u li ma jipperikolax lil ħaddieħor. Huwa ta' tħassib kif persuna li kkonfermat li bħala kaxxier għandha rwol importanti f'għaqda bħalma hu każin tal-banda, tixhed b'mod leġġer dwar l-imġiba in ġenerali waqt l-attività inkwistjoni, tant li ssemma għal aktar minn darba li meta seħħ dan l-inċident kien hemm persuni xurbana, issemmew saħansitra d-drogi, u ngħatat l-impressjoni li l-atmosfera f'din iċ-ċelebrazzjoni partikolari kienet waħda nieqsa minn kull rażan u minn kull sens ta' proporzjon u razzjonalità. Anki li kieku l-Qorti kellha tasal temmen li verament kien hemm persuna li ppruvat tolza lill-konvenut u rnexxielha tagħmel dan tant li qelbitu għal isfel, din l-imġiba hi sintomatika ta' persuni li qegħdin jaġixxu mingħajr ebda sens ta' responsabbilità u ta' konsiderazzjoni għall-konsegwenzi li jistgħu jġibu b'għemilhom, u l-konvenut fil-kariga li jokkupa fil-każin tal-banda li kien qiegħed jorganizza ċ-ċelebrazzjoni li matulha seħħ l-inċident, kellu responsabbilità li jassigura li inċidenti bħal dawn mhux biss ma jseħħux, iżda lanqas ikun hemm lok fejn iseħħu. Il-Qorti ssibha diffiċli tifhem kif l-organizzaturi tal-festa ħadu ħsieb jingaġġaw numru ta' uffiċjali tas-sigurtà sabiex jissorveljaw iċ-ċelebrazzjonijiet li saru fil-każin, iżda minn dawn l-uffiċjali kollha, sitta b'kollox, ma kien hemm ħadd għassa mal-gallerija jew inkarigat jara min kienu l-persuni li telgħu fil-gallerija u jekk kinux fi stat li jkunu hemm mingħajr ma jkunu ta' periklu għalihom innifishom u għal ħaddieħor.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssibha ferm diffiċli temmen il-verżjoni mogħtija mill-konvenut dwar kif seħħet id-dinamika ta' dan l-inċident, speċjalment meta ġiet espressa konfużjoni fil-mod kif seħħew l-affarijiet, bil-konvenut jgħid li l-għada tal-inċident kien il-festa u n-nies avviċinawh u semmewlu persuna li seta' kien hu li olzah u f'mument ieħor jgħid li l-għada tal-inċident hu kien għadu rikoverat l-Isptar. Il-Qorti kkunsidrat li minkejja li l-konvenut seta' weġġa' gravement wara dan l-inċident jew seta' saħansitra tilef ħajtu, u minkejja li allegatament ingħata isem ta' persuna li seta' kien hu li kkawża dan l-inċident, il-konvenut baqa' m'għamel xejn fil-konfront ta' din il-persuna, u lanqas biss ta ismu lill-Pulizija sabiex dan jiġi investigat u jiġi stabbilit hux minnu jew le li kien dan Edgar Apap li pprova jolzah u li kkawża l-waqgħa tiegħu. Lanqas ma jista' jitwemmen ix-xhud Duncan Deguara li qal li għal snin sħaħ hu ma kellu l-ebda inkontru mal-konvenut, iżda imbagħad iddeċieda li jitla' jixhed u jagħti l-verżjoni tal-fatti kif ġraw wara li b'kumbinazzjoni ltaqa' mal-konvenut fil-kurituri tal-Qorti u ddeċieda li jrid jgħin biex tiġi stabbilita l-verità.

Inoltre l-konvenut ipprova jixħet dubji dwar jekk l-attriċi fil-mument tal-inċident kinitx fuq l-ispallejn jew bilwieqfa mal-art, iżda minn dak li setgħet tikkonstata l-Qorti mir-ritratti esebiti, jidher li fil-mument tal-waqgħa tal-konvenut, ma kienx hemm persuni fuq l-ispallejn f'dik il-parti tal-bitħa. Il-Qorti kkunsidrat ukoll li kieku l-attriċi kienet fuq l-ispallejn u l-konvenut ġie fuqha, il-konsegwenzi ta' dan l-inċident kienu inevitabbilment ikunu ferm u ferm agħar milli kienu.

Hekk stabbilit li l-konvenut għandu jinżamm responsabbli għall-akkadut, il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lill-attriċi

konsegwenza tad-danni sofferti minnha. L-artikolu 1032 tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi illi:

(1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, għal ħsara li tiġri, minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar.

Ċertament li f'din l-istanza ma kien rikjest l-ebda livell ta' prudenza, diliġenza u ħsieb barra min-normal biex il-konvenut seta' jbassar il-konsegwenza ta' għemilu f'waqgħa minn għoli ta' madwar sular u nofs għal bitħa li fiha kien hemm folol kbar ta' nies. Il-livell ta' irresponsabbilità murija f'dan l-inċident, speċjalment meta wieħed jikkunsidra r-rwol ta' responsabbiltà li l-konvenut għandu fi ħdan il-każin tal-banda fejn kienet qed issir l-attività li matulha seħħ l-inċident inkwistjoni, huwa kundannabbli u jattira lejh l-applikazzjoni tad-dispost tal-artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili li jgħid hekk:

> "Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib."

Illi hekk stabbilita r-responsabbilità tal-konvenut għall-event fortuwitu li wassal għad-danni sofferti mill-attriċi, il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida d-danni sofferti minnha kawża ta' dan l-inċident.

*Damnum emergens*

Fir-rigward tad-danni materjali sofferti, l-attriċi esebiet diversi rċevuti għal servizzi u prodotti li hi ħtiġilha tixtri konsegwenza ta' dan l-inċident[44], minn fejn jirriżulta ħlas ta' €216 lill-Isptar Saint James b'rabta mat-testijiet mediċi li sarulha wara l-inċident, u €71.35 għax-xiri ta' mediċini, biex b'hekk jirriżulta li d-danni materjali ppruvati mill-attriċi jammontaw għal **€287.35.**

*Lucrum cessans*

Għal dak li jirrigwarda t-telf ta' qligħ li ġarrbet l-attriċi minħabba d-debilità permanenti sofferta minnha, il-Qorti jeħtiġilha tieħu konsiderazzjoni ta' diversi fatturi. F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[45], il-Qorti qalet hekk:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia lucrum cessans, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Hawnhekk il-Qorti tqis li għandha tagħmel riferiment ampju għas-sentenzi kopjużi ta' dawn il-Qrati sabiex kemm jista' jkun tasal għal ammont likwidat li jkun jirrispekkja l-kriterji li ġew stabbiliti mill-Qrati tagħna, anki għaliex huwa desiderabbli li jkun hemm grad ta' uniformità f'dawn it-tip ta' sentenzi.

---

[44] *A fol.* 31 sa 35 tal-proċess.
[45] P.A., 18.02.2013.

In vista tal-fatt li l-attriċi kien għad għandha l-età ta' 24 sena meta seħħ l-inċident, il-*multiplier*[46] adottat minn din il-Qorti ser ikun ta' 30, in linea mal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna.

Il-Qorti kkunsidrat l-*FS3 forms* esebiti mill-attriċi sabiex tistabbilixxi kemm kien il-qligħ bażiku tagħha fis-sena immedjetament qabel l-inċident, li seħħ fl-2014. Għas-sena 2013 jirriżulta li l-qligħ bażiku tal-attriċi kien ta' €8,446, li meta wieħed inaqqas minnu €11 taxxa u €843.44 kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali, iwassal għal dħul nett ta' €7,591.66. Din il-paga trid tiġi aġġustata għall-għoli tal-ħajja[47] għall-perijodu kollu tal-*multiplier* li ser tistabbilixxi din il-Qorti, sabiex b'hekk is-salarju bażiku tal-attriċi li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti huwa ta' €7,591.66 + €9,778.06 / 2 = €8,684.86.[48]

Fil-komputazzjoni tagħha l-Qorti trid tikkunsidra l-grad ta' diżabilità permanenti li ssofriet l-vittma bħala konsegwenza tal-inċident, b'mod li tqis in-nuqqas fl-*industrial efficiency* tagħha. F'dan il-każ, l-espert mediku maħtur mill-Qorti, kif ukoll l-espert mediku *ex parte,* qablu li l-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attriċi hija ta' 20%, u l-Qorti tqis li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn għandha tiddipartixxi minn din il-konklużjoni.

---

[46] Fid-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Emanuel Zahra vs. Patrick Vassallo,** mogħtija fil-15 ta' Ottubru, 2003, il-Qorti qalet dan li ġej dwar il-kunċett tal-*multiplier*: "Fil-kalkolu tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni mhux il-*life expectancy* tad-decujus, iżda l-ħajja lavorattiva tiegħu, in-natura u s-saħħa tiegħu, li tista' tvarja minn bniedem għal bniedem minħabba dawk iċ-ċirkostanzi li jissejħu *'the chances and changes of life'*. Wieħed irid jeżamina l-*earning capacity* tal-individwu, rigward tal-mard kif kontro-bilanċjat mill-istat ta' saħħa tad-diżgrazzjat. Illi għalhekk il-*multiplier* m'għandux ikun bażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat, iżda fuq l-aspettattiva lavorattiva tiegħu u għandu jieħu in kunsiderazzjoni taċ-*chances and changes of life*."

[47] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea vs Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi "[m]eta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-multiplier."

[48] Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38%(2013) + 0.31%(2014) + 1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) ÷ 5= 0.96%}.

L-ammont dovut bħala danni ikun irid jitnaqqas b'20% minħabba li l-ħlas ser isir f'darba *(lump sum payment)* f'dawk l-istanzi fejn ikun għadda żmien qasir bejn l-event dannuż u s-sentenza finali.[49] F'kawżi li ħadu għadd ta' snin biex jinqatgħu, il-Qrati tagħna jqisu li għandu jkun hemm tnaqqis ta' 2% għal kull sena ta' dewmien sakemm il-kawża kellha eżitu finali.[50] Fiċ-ċirkostanzi odjerni l-Qorti tqis li m'għandux ikun hemm fil-komputazzjoni finali tad-danni tnaqqis minħabba d-dewmien u dan minħabba li l-inċident inkwistjoni seħħ fis-sena 2014, il-proċeduri nfetħu fis-sena 2015, u s-sentenza finali tal-Qorti qiegħda tingħata f'anqas minn tliet snin minn meta ġie ppreżentat ir-rikors promutur biex inbdiet din il-kawża. Lanqas ma jirriżulta li kien hemm xi delungar minn xi waħda mill-partijiet tul dawn il-proċeduri.

Is-salarju medju tal-attriċi ta' €8,684.86 multiplikat b'*multiplier* ta' 30, b'20% grad ta' diżabilità permanenti sofferta mill-attriċi, jagħti l-ammont ta' €52,109.16. Dan l-ammont għandu jitnaqqas b'20% minħabba li l-ħlas ser isir f'daqqa, li jwassal għal kumpens ta' **€41,687.33** bħala *lucrum cessans,* li flimkien mal-ammont ta' danni materjali ta' **€287.35**, iġibu l-ammont totali ta' danni hekk kif likwidati ta' **€41,974.68**.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut;**

[49] **Scicluna *vs.* Meilaq**, P.A. 16.07.2001.
[50] **Caruana *vs.* Camilleri**, P.A., 05.10.1993.

**2. Tilqa' t-talbiet attriċi, u tiddikjara li l-konvenut hu responsabbli għall-inċident mertu ta' din il-kawża;**

**3. Tillikwida d-danni attriċi fis-somma ta' wieħed u erbgħin elf, disgħa mija u erbgħa u sebgħin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€41,974.68);**

**4. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma hekk likwidata, bl-imgħax legali mil-lum sad-data tal-ħlas effettiv.**

**Bl-ispejjeż tal-kawża a karigu tal-konvenut.**

Moqrija.